Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9145 — Kongsberg Gruppen/Rolls-Royce Commercial Marine)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 57/16)

1. Fis-6 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kongsberg Gruppen ASA ("Kongsberg", in-Norveġja),

— In-negozju ta' Rolls-Royce plc ta' prodotti marittimi kummerċjali, sistemi u servizzi ta' wara l-bejgħ ("Rolls-Royce Commercial Marine", ir-Renju Unit).

Kongsberg takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Rolls-Royce Commercial Marine.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma u xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Kongsberg hija l-kumpanija azzjonarja tal-grupp Kongsberg, li tipprovdi sistemi teknoloġiċi u soluzzjonijiet għall-użu tal-industriji tal-baħar, tad-difiża, ajruspazju u taż-żejt u l-gass;

— Rolls-Royce Commercial Marine hija n-negozju tal-baħar kummerċjali fil-grupp tar-Rolls-Royce li tforni komponenti, sistemi u elementi diġitali primarjament għal bastimenti ċivili tal-baħar. Dan ma jinkludix in-negozju tas-sistemi tal-enerġija tar-Rolls-Royce.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9145 — Kongsberg Gruppen/Rolls-Royce Commercial Marine

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.